

Brussell, 28 ta' Meju 2026
(OR. en)

9075/26

TOUR 25
COMPET 553

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: "Il-bini ta' turiżmu sostenibbli u kompetittiv għall-futur" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fit-28/05/2026)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-bini ta' turiżmu sostenibbli u kompetittiv għall-futur", adottati mill-Kunsill fl-4178 laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Meju 2026.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR

"Il-bini ta' turiżmu sostenibbli u kompetittiv għall-futur"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. WARA LI KKUNSIDRA l-Artikoli 6 u 195 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-appoġġ, il-koordinazzjoni u s-supplimentar tal-Unjoni Ewropea tal-azzjoni meħuda mill-Istati Membri fil-qasam tat-turiżmu, u b'konsiderazzjoni xierqa għall-isferi ta' kompetenza rispettivi tal-Istati Membri u tal-Unjoni, kif ukoll tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.
2. Filwaqt LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2022 dwar l-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030¹ (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenda"), il-Perkors ta' Tranżizzjoni għat-Turizmu², u d-"Dikjarazzjoni ta' Palma".
3. Filwaqt LI JIRRIKONOXXI n-natura tridimensjonali tas-sostenibbiltà, jiġifieri dik ekonomika, soċjali u ambjentali, li għandha tiffirma parti integrali mill-politiki tat-turiżmu.
4. JIRRIKONOXXI l-kontribut ekonomiku tat-turiżmu fl-UE li fl-2024 kien jirrappreżenta madwar 7 % tal-Valur Miżjud Gross tagħha, filwaqt li t-turiżmu kien jirrappreżenta 10 % tal-impjiegi tagħha u 4.6 miljun negozju³, li minnhom 99 % huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)⁴, kif ukoll il-kontribut tas-settur tat-turiżmu għall-kompetittività ġenerali tal-Unjoni, u jinnota li f'xi reġjuni, it-turiżmu jikkostitwixxi pilastru strutturali tal-ekonomija.

¹ 15441/22.

² [Transition pathway for tourism.](#)

³ Rapport dwar l-Ekosistemi Industrijali.

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, DG GROW, [Industrial Ecosystems Indicators Dashboard](#) (Dashboard tal-Indikaturi tal-Ekosistemi Industrijali) (2023).

5. JIRRIKONOXXI n-natura transsettorjali tat-turiżmu u l-importanza ta' governanza effettiva f'diversi livelli fl-Unjoni, bl-involvement tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u, meta xieraq, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tad-destinazzjonijiet (DMOs), l-industrija tat-turiżmu u atturi rilevanti oħra, bħal assoċjazzjonijiet professjonali, sabiex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin, u tissaħħaħ il-koordinazzjoni fl-oqsma ta' politika u s-setturi rilevanti kollha, filwaqt li wieħed jibni fuq oqfsa u strumenti eżistenti u tiġi evitata d-duplikazzjoni bla bżonn.
6. JILQA' r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda tas-16 ta' Diċembru 2025⁵ (minn hawn 'il quddiem "ir-Rapport"), JINNOTA li skont ir-Rapport, għad hemm lakuni fl-implimentazzjoni fl-Istati Membri u fil-ħames oqsma ta' prijorità tiegħu, inkluż il-governanza f'diversi livelli, u JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal aktar sforzi koerenti biex jiġu indirizzati dawk il-lakuni.
7. JISĦAQ li t-twettiq ta' ekosistema tat-turiżmu sostenibbli, kompetittiva u reżiljenti jirrikjedi li l-intrapriżi tat-turiżmu, speċjalment l-SMEs, id-destinazzjonijiet u atturi rilevanti oħra, ikunu jistgħu jimmobilizzaw u jużaw bl-aħjar mod l-għodod u l-istrumenti rilevanti tal-UE, inkluż permezz ta' aċċess simplifikat u mtejjeb għal fondi u finanzjament disponibbli tal-UE, assistenza teknika u appoġġ konsultattiv, kif ukoll ta' bini tal-kapaċitajiet strutturat, taġġim bejn il-pari u skambju ta' prattiki tajba.
8. JIRRIKONOXXI li t-tensjonijiet ġeopolitiċi, l-inċertezza ekonomika, l-impatti aggravati tat-tibdil fil-klima, l-użu żejjed u l-iskarsezza tar-riżorsi naturali, it-turiżmu żbilanċjat, l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi, u n-nuqqas persistenti ta' forza tax-xogħol jaffettwaw lis-settur u lill-komunitajiet lokali fid-destinazzjonijiet, inkluż minħabba tfixkil f'daqqa fil-konnettività u bidliet fid-domanda u l-mobbiltà.

⁵ 17007/25.

9. JISSOTTOLINJA li t-turiżmu huwa mutur ewlieni għat-tkabbir sostenibbli, l-impjegi, il-koeżjoni soċjali u l-iskambju kulturali fl-Unjoni, inkluż f'reġjuni rurali, kostali, muntanjużi, ultraperiferiċi u dawk inqas miżjura, u li l-iżvilupp tiegħu jrid jissalvagwardja l-benesseri tar-residenti u tal-komunitajiet lokali, jippreserva l-wirt naturali u kulturali u jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Unjoni f'termini ta' newtralità klimatika, adattament għat-tibdil fil-klima, l-ekonomija ċirkolari, it-trasformazzjoni diġitali, is-sostenibbiltà ekonomika fit-tul, ir-reżiljenza u l-kompetittività.
10. JENFASIZZA l-importanza tal-konnettività matul is-sena kollha żgurata mill-komplementarjetà ta' modi differenti ta' trasport għall-ekosistema tat-turiżmu.
11. JISĦAQ li s-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-ekosistema tat-turiżmu tal-Unjoni jsaħħu u jikkomplementaw lil xulxin, peress li l-investimenti, il-prattiki u l-inizjattivi ta' produzzjoni u konsum orjentati lejn is-sostenibbiltà – inkluż l-effiċjenza fir-riżorsi, iċ-ċirkolarità, id-dekarbonizzazzjoni, il-konservazzjoni tan-natura u tal-bijodiversità, ir-reżiljenza tal-ilma, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima – jistgħu fl-aħħar mill-aħħar inaqqsu l-ispejjeż u r-riskji, itejbu l-produttività u l-kwalità, isaħħu l-attraenza tad-destinazzjoni, l-esperjenza tar-residenti u tat-turisti, u jtejbu r-reżiljenza, filwaqt li settur tat-turiżmu kompetittiv huwa essenzjali sabiex jitwettqu u jiġu sostnuti l-kapaċità ta' investiment u l-innovazzjoni meħtieġa biex jiġu implimentati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.
12. IFAKKAR li t-turiżmu huwa intrinsikament marbut mal-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku u JISĦAQ li l-ivvjaġġar transfruntier bla xkiel, sigur u affidabbli u l-evitar ta' frammentazzjoni mhux ġustifikata tal-ktajjen tal-valur u tal-provvista, jappoġġaw kundizzjonijiet ekwi għall-atturi tat-turiżmu u jsaħħu s-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-ekosistema tat-turiżmu tal-Unjoni.

13. JISSOTTOLINJA, bħala prinċipju orizzontali, l-importanza li jitnaqqas il-piż amministrattiv mhux meħtieġ eżistenti u li tiġi evitata l-introduzzjoni ta' piż amministrattiv ġdid mhux meħtieġ, u JISĦAQ fuq l-oġettiv ġenerali tal-Unjoni li tissimplifika l-leġiżlazzjoni tal-UE biex ittejjeb u tappoġġa l-kompetittività u tissimplifika l-proċessi għall-intrapriżi, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-għanijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali.
14. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li, fit-tnejn ta' inizjattivi ġodda, tiġi ssodisfata l-koerenza mal-atti leġiżlattivi eżistenti billi jiġi evitat trikkib bla bżonn, u li l-proposti jkunu mirfuda minn valutazzjonijiet tal-impatt xierqa f'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, u b'kont meħud tal-partikolaritajiet u l-istruttura frammentata tal-ekosistema tat-turiżmu, u l-piż potenzjali fuq l-SMEs.

Komunitajiet Lokali u Ekwità Soċjali

15. JIRRIKONOXXI l-isfida dejjem tikber tat-turiżmu żbilanċjat, mifhum kemm bħala "turiżmu eċċessiv" kif ukoll bħala "nuqqas ta' turiżmu", ikkaratterizzat minn konċentrazzjoni spazjali u staġjonali ta' flussi turistiċi u investment, bi pressjoni fuq destinazzjonijiet speċifiċi u opportunitajiet mitlufa xi mkien ieħor, u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tingħata aktar attenzjoni lid-destinazzjonijiet periferiċi, rurali, insulari, muntanjużi u remoti, sabiex jissaħħaħ il-bilanċ reġjonali u jiġi sfruttat il-potenzjal tat-turiżmu tagħhom.
16. JISĦAQ fuq l-importanza tal-Politika ta' Koeżjoni biex tappoġġa l-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli u bbilanċjat, kif ukoll ir-reżiljenza tad-destinazzjonijiet, f'konformità mal-istrateġiji territorjali.
17. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri:
 - a) japprofondixxu l-fehim tagħhom ta' turiżmu bbilanċjat, billi:
 - i. jiġbru, janalizzaw u jużaw b'mod sistematiku d-data dwar il-konċentrazzjoni spazjali u staġjonali tal-flussi turistiċi, il-pressjonijiet relatati mal-iżvilupp u t-turiżmu, l-isfidi u t-tixrid tal-benefiċċji fil-livell tad-destinazzjoni;
 - ii. itejbu l-korrelazzjoni tad-data dwar it-turiżmu mal-pressjonijiet tal-akkomodazzjoni, id-dinamika tas-swieq tax-xogħol, l-impatti ambjentali u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti;

- b) meta xieraq, jiżviluppaw u jimplimentaw politiki nazzjonali u reġjonali għal turiżmu bbilanċjat li:
 - i. jippromwovu r-ridistribuzzjoni spazjali u temporali tal-flussi turistiċi b'mod sostenibbli, inkluż lejn reġjuni rurali, muntanjużi, insulari, remoti u ultraperiferiċi, u żoni urbani inqas miżjura, kif ukoll jiżguraw kollaborazzjoni fost l-atturi rilevanti kollha;
 - ii. jappoġġaw id-diversifikazzjoni tal-prodotti tat-turiżmu, filwaqt li jkomplu jsaħħu r-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur u tal-provvista tat-turiżmu lokali;
- c) isaħħu l-involviment tal-komunità u l-ekwità soċjali billi:
 - i. jiżguraw il-parteċipazzjoni sinifikattiva tar-residenti, tal-komunitajiet lokali, tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs, tal-forza tax-xogħol u tal-assoċjazzjonijiet tat-turiżmu, fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istrateġiji tat-turiżmu, bl-użu ta' għodod ta' metodoloġija xierqa, bħal analiżijiet, sħarriġ u konsultazzjonijiet;
 - ii. jippromwovu mudelli tat-turiżmu responsabbli, aċċessibbli u inklużivi, inkluż b'aċċess imtejjeb għall-persuni b'diżabilità, li jxerrdu l-benefiċċji b'mod ġust, jirrispettaw il-kulturi lokali u jnaqqsu l-esternalitajiet negattivi għar-residenti;
 - iii. jutilizzaw ir-riżultati tal-Ewrobarometru u sħarriġiet komparabbli oħra biex jiġu mmonitorjati l-perċezzjonijiet taċ-ċittadini, l-aċċettazzjoni soċjali tat-turiżmu u l-kwalità tal-ħajja fid-destinazzjonijiet.

18. JISTIENEN lill-Kummissjoni:

- a) tiżviluppa, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, linji gwida biex jiġi indirizzat it-turiżmu żbilanċjat, li jibnu fuq il-ħidma eżistenti u li għaddejja tal-istituzzjonijiet tal-UE, il-gruppi ta' esperti tal-UE u l-Istati Membri dwar ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà soċjali;
- b) tesplora possibbiltajiet li jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess tar-residenti għal servizzi sportivi, kulturali u rikreattivi oħra offruti fid-destinazzjonijiet.

- c) tippubblika fuq il-Pjattaforma tat-Turiżmu tal-UE u fuq id-Dashboard tat-Turiżmu tal-UE data statistika miġbura skont ir-Regolament rigward l-Istatistika dwar it-Turiżmu, sħarriġ statistiku, u sorsi innovattivi oħra, u tikkondividi l-aħjar prattiki dwar il-kejl tat-turiżmu bbilanċjat.

Konnettività u Mobbiltà Sostenibbli

19. JIRRIKONOXXI li konnessjonijiet bl-ajru, fuq l-art u fuq l-ilma affidabbli, affordabbli, aċċessibbli, frekwenti u matul is-sena kollha huma faċilitatur ewlieni għal żvilupp tat-turiżmu bbilanċjat, koeżjoni territorjali u mobbiltà taċ-ċittadini, b'mod partikolari għall-Istati Membri gżejjer, ir-reġjuni insulari u ultraperiferiċi – fejn l-aċċessibilità u l-attività ekonomika jiddependu b'mod predominanti mit-trasport bl-ajru – kif ukoll ir-reġjuni rurali, muntanjużi u remoti.
20. JISĦAQ fuq l-importanza ta' soluzzjonijiet ta' mobbiltà sostenibbli u multimodali disponibbli b'mod wiesa', u tat-tnaqqis tal-ostakli għall-moviment liberu, li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-impatti ambjentali tat-trasport u għal esperjenza tal-ivvjaġġar bla xkiel għat-turisti u r-residenti, rispettivament, u JFAKKAR fir-rilevanza tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ferroviji ta' veloċità għolja⁶, għall-avvanz tal-mobbiltà ferrovjarja sostenibbli u konnessa madwar l-Unjoni.
21. JENFASIZZA s-sinifikat tal-aċċessibilità tal-modi tat-trasport għall-passiġġieri kollha, inkluż dawk b'mobbiltà mnaqqa u b'diżabbiltà, bħala element ewlieni tat-turiżmu inklużiv.
22. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri:
- a) jimplimentaw soluzzjonijiet ta' trasport lokali, reġjonali, nazzjonali u transfruntier għal turiżmu bbilanċjat li jintegraw opzjonijiet ta' mobbiltà u infrastruttura sostenibbli li jtejbju l-aċċess għal destinazzjonijiet inqas magħrufa u jindirizzaw l-istaġjonalità, b'sinerġija mal-politiki tal-UE dwar it-trasport u l-konnettività, b'attenzjoni partikolari għall-gżejjer u għar-reġjuni rurali, muntanjużi, ultraperiferiċi u remoti;

⁶ [COM \(2025\) 903 final 'Connecting Europe through High-Speed Rail'](#) (Nikkollegaw l-Ewropa b'Ferroviji ta' Veloċità Għolja).

- b) jippromwovu konnessjonijiet ta' konnettività sostenibbli, multimodali u transfruntieri għat-turiżmu, li jinkludu s-servizz ferrovjarju, ix-xarabanks, il-laneċ u forom oħra ta' trasport pubbliku, kif ukoll iċ-ċikliżmu, inkluż soluzzjonijiet tal-aħħar mil fid-destinazzjonijiet, inkluż lejn żoni rurali remoti;
- c) jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' infrastruttura relatata mal-konnettività (bħall-infrastruttura tal-irriċarġjar) u servizzi li jkun ta' benefiċċju b'mod konġunt għall-komunitajiet lokali u l-flussi turistiċi, inkluż servizzi diġitali aċċessibbli, interoperabbli u, meta rilevanti, transfruntieri kompatibbli, li jappoġġaw vjaġġi bla xkiel;
- d) jgħbr u jużaw data u indikaturi dwar ix-xejriet tal-mobbiltà tat-turiżmu u, bħala parti mill-approċċi nazzjonali u reġjonali ta' monitoraġġ tat-turiżmu;
- e) iwettqu kooperazzjoni reġjonali u tematika dwar il-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar transfruntier, inkluż lejn pajjiżi ġirien u pajjiżi terzi.

23. JISTIENEN lill-Kummissjoni:

- a) tintegra l-ħtiġijiet ta' konnettività u aċċessibbiltà relatati mat-turiżmu tal-Istati Membri, inkluż id-dipendenza strutturali fuq il-konnettività bl-ajru u r-restrizzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri għejjer, ir-reġjuni insulari, periferiċi, ultraperiferiċi u remoti, fil-politiki u l-ippjanar tat-trasport tal-UE, sabiex jiġu appoġġati l-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp ibbilanċjat tad-destinazzjonijiet;
- b) ittejjeb l-ivvjaġġar multimodali bla xkiel, bejn id-destinazzjonijiet, l-informazzjoni u s-servizzi, u s-soluzzjonijiet integrati għall-ħruġ ta' biljetti, inkluż permezz ta' sforzi ta' interoperabbiltà u standardizzazzjoni, u billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għal servizzi ta' mobbiltà fuq talba;
- c) tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali bl-għan li ttejjeb l-esperjenza ġenerali tal-mobbiltà tat-turisti fid-destinazzjoni.

Tranżizzjoni Ekoloġika u Tibdil fil-Klima

24. JIRRIKONOXXI li l-ekosistema tat-turiżmu hija dejjem aktar esposta għat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, u dan jgħaliq riskji sistemiċi għas-sostenibbiltà ekonomika u soċjali, u li l-ekosistema tista' tiġi affettwata b'mod negattiv minn eventi ta' temp estrem, stress idriku, telf tal-bijodiversità u tniġġis.
25. JISĦAQ li l-aċċellerazzjoni tal-azzjoni ta' mitigazzjoni u adattament, il-protezzjoni tal-bijodiversità u r-restawr tal-ekosistemi naturali, f'konformità mal-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, huma indispensabbli għas-salvagwardja tar-reżiljenza, l-attrazzjoni u l-kompetittività fit-tul tad-destinazzjonijiet u l-intrapriżi tat-turiżmu, inkluż permezz ta' aktar attenzjoni fuq bidla lejn approċċi ta' turiżmu aktar riġenerattiv li jkunu ta' benefiċċju għan-natura u għad-destinazzjonijiet.
26. JISTIENEN lill-Istati Membri:
- a) jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika tat-turiżmu f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, mal-oġġettivi klimatiċi u mal-politiki tal-ekonomija ċirkolari billi:
 - i. jinkoraġġixxu lill-intrapriżi tat-turiżmu jadottaw mudelli ta' negozju effiċjenti fir-riżorsi, b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ċirkolari;
 - ii. jipromwovu l-adozzjoni mill-fornituri u d-destinazzjonijiet tat-turiżmu ta' għodod integrati u skemi vverifikati ta' ġestjoni ambjentali, bħall-Ekotikketta tal-UE u l-EMAS, kif ukoll skemi nazzjonali rikonoxxuti;
 - b) isaħħu l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih f'politiki tat-turiżmu li jikkontribwixxu bl-aħjar mod għas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali, billi:
 - i. jimmaniġġaw il-flussi turistiċi u jipromwovu prodotti tat-turiżmu u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura li huma aktar reżiljenti għall-impatti tat-tibdil fil-klima;
 - ii. jikkunsidraw l-integrazzjoni tat-tħassib dwar it-tibdil fil-klima fl-istrateġiji tat-turiżmu, u meta rilevanti, fl-ippjanar tal-investment;

- iii. jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' adattament tal-infrastruttura, il-protezzjoni kostali u marittima, u t-trasport, b'mod partikolari f'żoni esposti ħafna għal riskji relatati mat-tibdil fil-klima, b'koerenza mal-projezzjonijiet klimatiċi lokali;
- c) jidentifikaw miżuri xierqa biex tiżdied it-tranżizzjoni ekoloġika tad-destinazzjonijiet u tal-intrapriżi.

27. JISTIEDEN lill-Kummissjoni:

- a) tkompli tappoġġa proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (R&I) u proġetti pilota fuq skala kbira dwar it-turiżmu ċirkolari u sostenibbli, b'mod partikolari permezz tal-attivitajiet li jappoġġaw azzjonijiet klimatiċi u ambjentali, bħall-programm LIFE attwali, u tippromwovi r-replikazzjoni ta' mudelli vvalidati permezz tal-Inizjattiva għal Bliet u Reġjuni Ċirkolari u strumenti eżistenti rilevanti oħra;
- b) tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri u tal-intrapriżi tat-turiżmu fit-tnaqqis tal-impronta ambjentali tagħhom, tiżgura li l-ekosistema tat-turiżmu tiffirma parti mill-qafas integrat il-ġdid tal-UE għar-Reżiljenza għall-Klima u l-Ġestjoni tar-Riskju fil-Livell Ewropew⁷, u tiżviluppa għarfien u gwida biex tgħin lid-destinazzjonijiet u lill-intrapriżi jindirizzaw it-tibdil fil-klima;
- c) taħdem fuq it-tbassir tal-klima relatat mat-turiżmu, inkluż l-analiżi tal-projezzjonijiet fit-tul, billi tisfrutta għodod eżistenti bħas-Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus⁸, biex jiġu vvalutati r-riskji u l-opportunitajiet, u biex jitrawwem l-iskambju bejn Stati Membri bi sfidi simili, speċjalment fir-rigward tal-politiki dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;
- d) tfejji u taġġorna regolarment lista ta' ċertifikazzjonijiet u tikketti tas-sostenibbiltà li huma rikonoxxuti fil-livell tal-UE jew f'dak nazzjonali.

⁷ Ir-Reżiljenza għall-Klima u l-Ġestjoni tar-Riskju fil-Livell Ewropew – Qafas Integrat – Azzjoni Klimatika

⁸ [It-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus](#)

Trasformazzjoni Diġitali, Data u Innovazzjoni

28. JIRRIKONNOXXI li qafas Ewropew robust għall-integrazzjoni tad-data dwar it-turiżmu u tal-ippjanar strateġiku, inkluż ekosistema tad-data interoperabbli komuni, gwida dwar l-intelliġenza artifiċjali, ġestjoni tad-destinazzjonijiet immexxija mid-data, għodod avvanzati tad-data u servizzi innovattivi tat-teknoloġija tal-ivvjaġġar, huma lievi strateġiċi għal ippjanar, kompetittività, sostenibbiltà u reżiljenza aħjar tat-turiżmu.
29. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri:
- irawmu l-użu effettiv ta' għodod diġitali disponibbli mill-intrapriżi tat-turiżmu u mill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ġestjoni tad-destinazzjonijiet, f'konformità mal-miri tad-Deċennju Diġitali⁹;
 - jiġbru b'mod sistematiku data ta' kwalità għolja f'ħin reali, bl-użu ta' pjattaformi diġitali eżistenti, meta rilevanti, inkluż data magħmula disponibbli bil-qafas tad-data tal-UE dwar il-kiri għal żmien qasir, janalizzaw u jużaw data dwar l-ippjanar strateġiku, il-ġestjoni spazjali u staġjonali tal-flussi tat-turisti, l-investment, u l-benefiċċji u l-pressjonijiet relatati mat-turiżmu;
 - jippromwovu servizzi tat-turiżmu innovattivi u inklużivi u approċċi ta' ġestjoni tad-destinazzjonijiet immexxija mid-data, għall-atturi rilevanti kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, il-privatezza u l-protezzjoni tad-data.
30. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Eurostat u l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika, tirrieżamina u ttejjeb il-kopertura ta' statistika komparabbli dwar it-turiżmu, minn statistika bażika dwar il-vjaġġi u s-soġġorni matul il-lejl għal data dwar l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tat-turiżmu, filwaqt li jiġu sfruttati t-teknoloġiji diġitali u l-analitika avvanzata biex jittejjbu l-kwalità u l-puntwalità tad-data dwar it-turiżmu, u jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn.

⁹ [Il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali](#)

31. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, biex b'kooperazzjoni mal-Istati Membri:
- a) taċċellera l-varar tal-Ispazju komuni Ewropew tad-Data dwar it-Turiżmu (ETDS), inkluż:
 - i. l-iżvilupp ta' standards għall-interoperabbiltà u l-governanza tad-data biex jirfdu l-ippjanar, il-monitoraġġ u l-komparabbiltà bbażati fuq l-evidenza fl-Istati Membri u fi spazji oħra tad-data settorjali;
 - ii. l-iżvilupp ulterjuri tad-Dashboard tat-Turiżmu tal-UE, il-konsolidazzjoni u l-promozzjoni tal-Pjattaforma tat-Turiżmu tal-UE bħala pjattaforma ta' appoġġ integrata, u l-iżvilupp ta' opzjonijiet ta' governanza u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni xierqa, bħal Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea;
 - iii. il-forniment ta' għodod interoperabbli tal-ETDS, appoġġ tekniku u inċentivi għas-sidien tad-data, biex tiġi żgurata kemm il-kapaċità diġitali teknika kif ukoll dik operazzjonali tal-intrapriżi, tad-DMOs, tal-awtoritajiet lokali u ta' atturi rilevanti oħra, u biex tiġi żgurata massa kritika ta' fornituri u utenti tad-data fl-ekosistema tat-turiżmu kollha;
 - b) issaħħaħ ekosistema tat-turiżmu kompetittiva u innovattiva fil-qasam diġitali billi:
 - i. tippromwovi n-networking bejn l-inkubaturi, l-aċċelleraturi u ċ-ċentri ta' innovazzjoni rilevanti;
 - ii. tiffaċilita kundizzjonijiet ekwi, inkluż permezz ta' implimentazzjoni effettiva tar-regoli diġitali rilevanti tal-UE, fejn applikabbli, filwaqt li jiġu indirizzati d-dipendenzi fuq soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-ivvjaġġar mhux tal-UE, inkluż billi jiġu promossi alternattivi Ewropej, standards miftuħa u l-portabbiltà tad-data, kif ukoll il-kontroll tal-utent fuq id-data;
 - iii. tiżgura li l-SMEs, l-istart-ups, l-iscale-ups, u meta rilevanti, id-DMOs u l-awtoritajiet pubbliċi, ikunu jistgħu jaċċessaw il-finanzjament tal-UE, il-finanzjament kaskata u s-servizzi ta' konsulenza għall-investimenti diġitali, kif ukoll it-trawwim ta' sinerġiji transfruntieri bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti li jaħdmu fuq id-diġitalizzazzjoni.

32. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, biex b'kooperazzjoni mal-industrija u ma' partijiet ikkonċernati oħra:
- a) tkompli tappoġġa proġetti tar-R&I, pjattaformi għall-ittestjar u proġetti pilota dwar għodod u servizzi diġitali fit-turiżmu, inkluż dawk li jsaħħu d-destinazzjonijiet intelliġenti, itejbu l-aċċessibbiltà, jappoġġaw l-innovazzjoni u jsaħħu r-reżiljenza;
 - b) tappoġġa inizjattiva mmexxija mill-industrija biex tiżviluppa linji gwida dwar l-użu responsabbli u profiċjenti tal-IA fit-turiżmu, f'konformità mal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA¹⁰, b'konsistenza mal-leġiżlazzjoni u l-istrateġiji tal-UE, filwaqt li tirrikonoxxi l-flussi ta' ħidma eżistenti rilevanti.

Ħiliet u Xogħol ta' Kwalità

33. JISĦAQ li x-xogħol ta' kwalità, il-kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u l-iżvilupp tal-ħiliet, f'konformità maż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni¹¹, l-Unjoni tal-Ħiliet¹² u l-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità¹³, inkluż permezz tal-inizjattiva tal-Patt tal-UE għall-Ħiliet u s-sħubijiet nazzjonali u reġjonali tal-ħiliet, huma essenzjali għall-kompetittività u r-reżiljenza fit-tul tas-settur tat-turiżmu; JIRRIKONOXXI li dawn imsemmija hawn fuq huma essenzjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas strutturali ta' ħiliet u ta' forza tax-xogħol, inkluż fil-kuntest ta' bidliet demografiċi, u biex jiġu analizzati x-xejriet tal-impjiegi staġjonali u spazjali, u huma partikolarment rilevanti fis-servizzi tal-ospitalità u tat-turiżmu, u biex il-karrieri fit-turiżmu jsiru aktar attraenti u titrawwem iż-żamma tal-ħaddiema.
34. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri, biex f'konformità mal-kompetenzi tagħhom:
- a) jipromwovu t-tagħlim tul il-ħajja, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema tat-turiżmu u għal persuni li qed ifittxu impjieg, b'enfasi partikolari fuq il-kompetenzi ekoloġiċi, diġitali, intraprenditorjali kif ukoll dawk soċjali u interkulturali, u jipprovdu viżibbiltà u sensibilizzazzjoni mtejba biex jimmassimizzaw l-impatt u l-adozzjoni tagħhom;

¹⁰ [Apply AI Strategy](#)

¹¹ [Żona Ewropea tal-Edukazzjoni](#)

¹² COM (2025) 90 final.

¹³ COM (2025) 944 final.

- b) jespandu s-sħubijiet nazzjonali u reġjonali tal-ħiliet fir-reġjuni tat-turiżmu u jsaħħu r-rwol tad-DMOs, tal-awtoritajiet reġjonali u lokali u ta' atturi rilevanti oħra bħala multiplikaturi tal-ħiliet;
- c) isaħħu l-ġħodod fil-livell nazzjonali u reġjonali ta' informazzjoni u ta' tbassir dwar il-ħiliet, inkluż billi jikkontribwixxu data rilevanti relatata mal-impjiegi u mal-ħiliet lill-ETDS;
- d) jiskambjaw prattiki tajbin dwar il-ġestjoni tal-istaġjonalità, il-perkorsi tal-karriera, u ż-żamma tal-ħaddiema, billi jtejbu d-disponibbiltà ta' informazzjoni komparabbli dwar il-ħiliet u l-ħtiġijiet tal-forza tax-xoġhol, u l-kwalità tal-impjiegi.

35. JISTIEDEN lill-Kummissjoni:

- a) tkompli l-ħidma tagħha fuq l-inizjattiva tal-Patt tal-UE għall-ħiliet, inkluż is-sħubija fuq skala kbira għall-ħiliet għat-turiżmu u programmi relatati oħra għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid;
- b) tappoġġa l-iżvilupp ta' ġħodod komparabbli, integrati u avvanzati fil-livell tal-UE ta' informazzjoni u ta' tbassir dwar il-ħiliet għat-turiżmu, inkluż permezz ta' koordinazzjoni, gwida metodoloġika u l-użu effettiv tal-ETDS;
- c) tkompli tappoġġa proġetti relatati mat-turiżmu bil-programmi tal-UE, u strumenti oħra li jappoġġaw il-ħiliet u l-mobbiltà tal-forza tax-xoġhol fit-turiżmu;
- d) b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tesplora u tippromwovi aktar l-użu tan-network tas-Servizzi Ewropej tax-Xoġhol (EURES), biex ittejjeb is-servizzi ta' tqabbil fl-UE kollha, inkluż biex jiġu indirizzati d-domanda staġjonali u l-lakuni fl-impjiegi.

Reżiljenza, Ġestjoni Adattiva u Preparattezza għall-Kriżijiet

36. Mingħajr preġudizzju għall-istrumenti eżistenti, JENFASIZZA l-ħtieġa li jissaħħu l-preparatezza u r-rispons għall-kriżijiet fl-ekosistema kollha tat-turiżmu billi:

- a) jiġu żviluppati valutazzjoni tar-riskju u prevenzjoni strutturati, ippjanar ta' kontinġenza u sistemi ta' twissija bikrija fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE, li jibnu fuq proġetti eżistenti tal-UE¹⁴;

¹⁴ Crisis Management and Governance in Tourism (Ġestjoni tal-Kriżijiet u Governanza fit-Turiżmu) - Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u għall-SMEs (EISMEA).

- b) tittejjeb il-komunikazzjoni f'każ ta' kriżi, bl-inklużjoni ta' informazzjoni aċċessibbli b'diversi lingwi u formati, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-vjaġġaturi vulnerabbli;
- c) jiġu integrati l-ġestjoni tal-kriżijiet, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-kunsiderazzjonijiet tal-ivvjaġġar sikur u mingħajr periklu u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri fl-istrateġiji tat-turiżmu u fl-oqfsa ta' destinazzjonijiet intelliġenti.

37. JINKORAĠĠIXXI l-ġestjoni adattiva tat-turiżmu billi:

- a) jintużaw data f'ħin reali u sistemi ta' monitoraġġ għall-ġestjoni tal-flussi turistiċi u tal-viżitaturi ta' matul il-jum, u l-miżuri jiġu aġġustati b'mod immirat u proporzjonat;
- b) tiġi promossa d-diversifikazzjoni tal-prodotti tat-turiżmu bħat-turiżmu mingħajr għaġla u dak tan-natura, it-turiżmu kulturali, l-ivvjaġġar fuq xogħol u l-MICE, it-titjib tas-segmentazzjoni tas-suq u l-estensjoni tal-istaġun turistiku, biex jitnaqqsu l-vulnerabbiltà u l-esponiment għax-xokkijiet u t-turiżmu żbilanċjat;
- c) titrawwem kooperazzjoni transsettorjali ma' oqsma oħra ta' politika, bħat-trasport, l-ambjent, il-kultura, il-qasam diġitali u s-saħħa, sabiex jiġu ġestiti l-inċertezza u x-xokkijiet esterni.

38. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, biex b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri:

- a) tappoġġa d-destinazzjonijiet, b'mod partikolari d-DMOs, fil-bini tar-reżiljenza u s-sostenibbiltà soċjali, inkluż permezz ta' proġetti u inizjattivi ffinanzjati mill-UE li jiġġeneraw l-aħjar Prattiki replikabbli, b'enfasi fuq il-komunitajiet lokali u l-ambjent;
- b) tiżgura li l-preparatezza għall-kriżijiet, il-prevenzjoni tar-riskji u l-adattament għat-tibdil fil-klima jirċievu attenzjoni u appoġġ imsaħħa;
- c) tiffaċilita koordinazzjoni aħjar fost l-Istati Membri, u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, biex jittejbu l-preparatezza u r-rispons, inkluż, jekk xieraq, permezz ta' arranġamenti ta' koordinazzjoni ad hoc, b'kont meħud tal-ispeċifità tal-ekosistema tat-turiżmu.
- d) meta jkun meħtieġ, tiegħu azzjonijiet u tadotta propositi biex ittaffi l-konsegwenzi negattivi tal-kriżijiet, li għandhom impatt sinifikanti fuq l-ekosistema tat-turiżmu tal-Ewropa.

Governanza f'Diversi Livelli

39. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' governanza b'saħħitha f'diversi livelli u b'diversi partijiet ikkonċernati, li tinvolvi l-oqsma ta' politika rilevanti kollha, u l-partijiet ikkonċernati rispettivi bħad-DMOs, l-assoċjazzjonijiet, il-komunitajiet lokali, l-intrapriżi, u atturi rilevanti oħra.
40. JISSOTTOLINJA, meta jkun xieraq, l-importanza ta' kooperazzjoni ma' sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, sabiex jissaħħu l-koerenza, ir-reżiljenza u l-kompetittività globali tal-ekosistema tat-turiżmu tal-Ewropa.
41. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiġu esplorati mezzi possibbli biex tissaħħaħ aktar il-governanza għall-preparatezza għall-kriżijiet u l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza għalih, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni permezz tal-konsolidazzjoni u l-allinjament tal-oqfsa ta' governanza eżistenti, inkluż, meta rilevanti, dawk li jappoġġaw il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-progress lejn l-għanijiet rilevanti tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.
42. JENFASIZZA l-ħtieġa li tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-Ewropa bħala destinazzjoni tad-destinazzjonijiet, billi l-immaġni tal-Ewropa tiġi promossa bħala destinazzjoni tal-ivvjaġġar sikura, sostenibbli u inklużiva, jiġu rikonoxxuti bħala kruċjali għall-fiduċja turistika s-sikurezza u s-sigurtà, filwaqt li tiġi rispettata bis-sħiħ l-awtonomija tal-marki nazzjonali u reġjonali, u tiġi żgurata viżibbiltà ekwa ta' destinazzjonijiet differenti.
43. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri:
- a) isaħħu l-koordinazzjoni bejn it-turiżmu u l-oqsma ta' politika relatati bħat-trasport, l-ambjent, l-iżvilupp reġjonali, il-qasam diġitali, l-innovazzjoni, il-ħiliet, l-edukazzjoni, is-suq tax-xogħol, il-kultura u l-isport, billi jirriflettu l-perspettiva tat-turiżmu f'inizjattivi ta' politika rilevanti;

- b) isaħħu d-dimensjoni tranżnazzjonali tat-turiżmu permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera, tematika jew reġjonali, inkluż l-iżvilupp ta' raggruppamenti u, meta xieraq, jikkoordinaw approċċi f'fora internazzjonali rilevanti tat-turiżmu;
- c) isaħħu d-djalogu strutturat bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, id-DMOs u atturi rilevanti oħra, biex itejbu l-ġbir tad-data, l-indikaturi, inkluż, meta xieraq, oqfsa ta' indikaturi u għodod ta' rapportar allinjati mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, l-allinjament tal-istrateġija u l-implimentazzjoni ta' politiki dwar it-turiżmu sostenibbli.

44. JISTIEDEN lill-Kummissjoni:

- a) tippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali f'oqsma ta' politika rilevanti oħra tal-UE bħat-trasport, il-koeżjoni u l-politika reġjonali, l-ambjent, l-akkomodazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-kultura u l-isport, billi tirrifletti l-perspettiva tat-turiżmu f'inizjattivi ta' politika rilevanti u tissimplifika l-proċeduri, biex jinħoloq ambjent ta' politika koerenti li jwassal għall-investimenti u favorevoli għat-turiżmu;
- b) issaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali tal-ekosistema tat-turiżmu tal-UE, bħala element tal-azzjoni esterna u d-diplomazija ekonomika tal-Unjoni, inkluż billi:
 - i. issaħħaħ il-kooperazzjoni u l-iskambji strutturati ma' pajjiżi u reġjuni sħab ta' rilevanza għat-turiżmu u l-konnettività;
 - ii. tinvolvi ruħha, kif xieraq, f'organizzazzjonijiet u fora internazzjonali rilevanti u l-ħidma analitika u ta' ffissar ta' standards tagħhom, inkluż in-NU, it-Turiżmu tan-NU, l-OECD, u s-segmenti tal-G7/G20 rilevanti;
 - iii. tappoġġa l-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-iskambju ta' Prattika tajba u l-komparabbiltà tad-data u l-indikaturi tat-turiżmu, meta xieraq, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri.
- c) tinkorpora fil-Pjattaforma tat-Turiżmu tal-UE, punt uniku ta' servizz faċli għall-utent, biex jipprovdi informazzjoni disponibbli għall-ekosistema tat-turiżmu, kif ukoll dwar l-appoġġ u l-opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti;

- d) tiffaċilita narrattivi tat-turiżmu u sensibilizzazzjoni koerenti fil-livell tal-UE, b'mod komplementari għall-awtonomija u d-diversità tal-marki nazzjonali u reġjonali, u l-kompetenzi promozzjonali, billi:
- i. timmodernizza l-qafas tan-narrattiva u tal-marka "Destinazzjoni Ewropa", f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, filwaqt li tiġi żgurata l-inklużjoni sħiħa tar-reġjuni insulari, ultraperiferiċi u dawk inqas miżjura;
 - ii. issaħħaħ l-allinjament bejn in-narrattivi tat-turiżmu, l-oġettivi tas-sostenibbiltà u l-prijoritajiet ta' politika usa' tal-UE.

Monitoraġġ u Segwitu

45. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, tappoġġa u ssegwi l-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, li jibnu fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda għat-Turiżmu 2030.
46. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tissorvelja u tippreżenta lill-Kunsill, kull tliet snin mill-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, rapport konsolidat dwar l-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll l-azzjonijiet rilevanti fl-Anness tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda għat-Turiżmu 2030.
47. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis kif xieraq dawn il-konklużjonijiet, u l-prijoritajiet u l-azzjonijiet stabbiliti fihom, fit-tnejn tal-Istrateġija tal-UE għat-Turiżmu Sostenibbli li jmiss.
48. JISTIEDEN lill-partijiet ikkonċernati tat-turiżmu jinvolvu ruħhom fl-implimentazzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, filwaqt li jqajmu kuxjenza mas-sħab u l-klijenti tagħhom u jikkontribwixxu bl-għarfien espert u l-esperjenza tagħhom għat-tixrid tal-għarfien u l-eżiti miksuba.